**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Guramentat Nru **492/2021 (AJD)**

**GEORGE VELLA ID 699644 (M) f'ismu personali u fil-kwalita' tieghu ta' direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' BLUEPRINT GRAFIX LIMITED C-24416**

**VS**

**CHARLES SAMMUT ID 0491167(M)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għall-ħlas ta' somma rapprezentanti rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' printing u kif ukoll bilanc ta' ammonti mislufa lill-intimat li kellhom jergghu jigu rifuzi lir-rikorrenti maghmula permezz ta' rikors guramentat preżentat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena 2021 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors guramentat preżentat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena 2021, George Vella f'ismu personali u fil-kwalita' tieghu ta' direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti Blue Print Grafix Limited ikkonferma bil-ġurament tieghu u premetta kif isegwi:

    a. Illi l-intimat ghandu jaghti lir-rikrorent l-ammont ta' wiehed u tletin elf tlett mija u tmenin Ewro (€31,380.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' printing u kif ukoll bilanc ta' ammonti mislufa lill-intimat li kellhom jergghu jigu rifuzi lir-rikorrenti kif jidher mill-annessi dokumenti u skritturi Dok GV1.
    b. Illi dan l-ammont ta' wiehed u tletin elf tlett mija u tmenin Ewro (€31,380.00) huwa cert, likwidu u maghluq skond il-Ligi u ma jikkonsistitx fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt.
    c. Illi l-intimat nonostante li gie nterpellat sabiex ihallas lura dan l-ammont baqgha inadempjenti u ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.
    d. Illi r-rikorrenti jafu li l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jaghti kontra din it-talba.

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża, illi permezz tagħha ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex, prevja kull dikijarazzjoni opportuna joghgobha:

1. Tordna d-dispensa tas-smiegħ tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 et seq. tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lill-intimat debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' wiehed u tletin elf tlett mija u tmenin Ewro (€31,380.00);

3. Tiddikjara lill-intimat ihallas lir-rikrorenti s-somma ta' wiehed u tletin elf tlett mija u tmenin Ewro (€31,380.00);

Bl-ispejjez inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi li gie pprezentat kontestwalment u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti**

3. Rat ir-rikors ġuramentat u d-dikjarazzjoni tal-fatti tar-rikorrent tal-24 ta' Mejju 2021.

4. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe' skrittura privata datata 6 ta' Gunju 2018 mmarkata Dok GV1, diversi kopji ta' 'cheque images' u affidavit tar-rikorrent datat 24 ta' Mejju 2021;

5. Reġgħet rat id-digriet ta' din il-Qorti stess tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju 2021 illi permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-seduta tat-Tlieta 15 ta' Gunju 2021 fid-9:20am, u l-konvenut ġie ordnat sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tal-attriċi. Il-Qorti ddikjarat illi, fin-nuqqas, hija kienet sejra tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent;

6. Rat il-verbal tas-seduta tal-lum, il-Gimgha 17 ta' Settembru 2021, fejn ġie dikjarat illi, għalkemm debitament notifikat bir-rikors ġuramentat, bid-dikjarazzjoni maħlufa u bid-dokumenti esebiti ai termini tal-Artikoli 168, 169 u 169A tal-Kap 12, il-konvenut baqa' kontumaċi;

7. Rat l-Artikolu 170(1) tal-Kap 12;

8. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

9. Fl-ewwel lok, in konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-intimat sabiex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smiegħ, il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tar-rikorrent għandha tintlaqa';

10. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' wiehed u tletin elf tlett mija u tmenin Ewro (€31,380.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' printing u kif ukoll bilanc ta' ammonti mislufa lill-intimat li kellhom jerghu jigu rifuzi lir-rikorrent.

11. Il-Qorti tqis ukoll illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi l-intimat naqas milli jħallas lir-rikorrenti l-istess ammont ta' wiehed u tletin elf tlett mija u tmenin Ewro (€31,380.00) u dan skont dak indikat u konfermat bil-ġurament mir-rikorrent, liema fatt ma ġiex kontestat mill-intimat minkejja illi ngħata minn din il-Qorti l-possibilta' kollha mogħtija lilu mil-liġi sabiex jagħmel dan;

12. In vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tikkonkludi illi t-talba tar-rikorrenti skond kif debitament konfermata minn George Vella meta xehed quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tal-lum hija ġustifikata stante illi tirriżulta pruvata;

13. F'dak illi jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

14. Il-każ odjern si tratta dwar ħlas ta' prezz ta' merkanzija illi jinkwadra ruħu fis-sub-inċiż (1) suċitat.

**Decide**

15. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>'** l-ewwel talba attriċi, u, konsegwentement,

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba u tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrent fl-ammont ta' wiehed u tletin elf tlett mija u tmenin Ewro (€31,380.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' printing u kif ukoll bilanc ta' ammonti mislufa lill-intimat li kellhom jerghu jigu rifuzi lir-rikorrent.

(iii) **<u>Tilqa</u>'** t-tielet talba tar-rikorrent, u tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' wiehed u tletin elf tlett mija u tmenin Ewro (€31,380.00), bl-imgħax mid-data ta' dakinhar li l-ammont in dizamina sar dovut sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża, inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi jitħallsu kollha mill-intimat.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**